# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 28 t'April, 2023**

**Rikors Nru.: 703/2010 MH**

**Fl-atti tas-subbasta (immobbli) numru 22/2007 fl-ismijiet:**

**Lombard Bank Malta p.l.c (C-1607)**

**vs**

**Allegro Andante Limited (C-24105)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Lombard Bank Malta p.l.c. tas-26 ta' Mejju 2010** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

*« Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors il-Bank esponenti ppreżenta Ċedola ta' Kompensazzjoni għall-prezz li bih ġie liberat definittivament favur tagħha l-fond*

*Allegro Andante Restaurant, Numru 130, Triq Spinola, San Ġiljan, fis-subbasta fuq imsemmija.*

*Illi l-Bank esponenti kien ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti jagħmel l-offerti tiegħu 'animo compensandi', kif fil-fatt għamel.*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tapprova l-kompensazzjoni magħmula minnu biċ-Ċedola ta' Kompensazzjoni preżentata kontestwalment, u dana taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat iċ-**Ċedola ta' Kompensazzjoni tal-Bank rikorrent tas-26 ta' Mejju 2010**[1] permezz ta' liema huwa kkumpensa l-prezz sħiħ ta' €1,005,000 li bih ġie liberat favur tiegħu l-fond imsemmi ma' ammont ekwivalenti mill-kreditu ta' €1,005,391.13 li l-istess Bank kellu fil-konfront tas-soċjeta' eżekutanta salv id-dritt tal-istess Bank li jottjeni mingħand is-soċjeta' eżekutanta il-ħlas ta' kull bilanċ u ta' krediti oħrajn fi stadju ulterjuri;

Rat **ir-risposta tal-kuraturi Dr Anthony Cutajar u PL Liliana Buhagiar fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi deputati għas-soċjeta' Allegro Andante Limited tal-24 ta' Ġunju 2010**[2] permezz ta' liema opponew għall-kompensazzjoni mitluba mill-Bank rikorrenti għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors fosthom li fil-fehma tagħhom il-kreditu tal-Bank rikorrent ma kienx jippregradwa dak ta' kwalsiasi kreditur ieħor tas-soċjeta' Allegro Andante Ltd. Huma semmew lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif ukoll lil ċerta Sylvana Bruno bħala kredituri li jippregrawardaw il-kreditu tal-Bank fir-rigward tat-taxxa tal-VAT u għall-paga u kontribuzzjonijiet soċjali rispettivament;

[1] Fol 4 et seq
[2] Fol 8 et seq

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tal-24 ta' Ġunju 2010**[3] permezz ta' liema oppona għall-kompensazzjoni mitluba mill-Bank rikorrenti u sostna li l-kreditu tiegħu ta' €368,420.21 bħala taxxa fuq il-valur miżjud dovuti mis-soċjeta' Allegro Andante ai termini tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' l-imgħax legali jippregradwa fuq dak ta' krendituri oħra stante li hu munit minn privileġġ speċjali ai termini tal-liġi msemmija. Il-Kummissarju talab għalhekk lill-Qorti tordna sabiex il-prezz offrut għar-ristorant in kwistjoni jiġi depożitat taħt l-awtorita' tagħha sabiex huwa jkun jista' jenforza d-drittijiet tiegħu fuq ir-rikavat u f'każ ta' oppożizzjoni għandhom jinfetħu d-debiti proċeduri għall-konkors ta' kredituri;

Rat **id-digriet tagħha tat-12 ta' Lulju 2010**[4] permezz ta' liema ordnat il-ftuħ ta' dan il-konkors ta' kredituri in vista tal-oppożizzjoni surreferita. Dan wara li rat l-artikoli 339 u 416 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu hekk –

*"339. Meta jkun hemm iktar minn kreditur wieħed li jkun għamel talba sabiex jitħallas mir-rikavat b'mod li jkun hemm lok għall-konkors tal-kredituri, dik il-qorti għandha tiftaħ il-proċess quddiemha stess skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 416 et sequitur.*

*416.(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ikunu ġew iddepożitati flus, illi fuqhom iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor, il-qorti, fuq rikors ta' wieħed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-reġistratur, li, f'gazzetta waħda jew iżjed,fosthom f'kull każ il-Gazzetta tal-Gvern, jiġi maħruġ avviż li jgħarraf b'dak id-depożitu u b'dawk il-*

[3] Fol 10 et seq
[4] Fol 7

*pretensjonijiet fuqu u illi jsejjaħ lil kull min jista' jkollu interess sabiex iġib 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar; u meta jagħlaq dak iż-żmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iż-żmien, ma tista' twaqqaf jew xort'oħra żżomm il-kawża ta' konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru.*

*(2) Fl-avviż hawn fuq imsemmi għandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jagħlaq l-imsemmi żmien ta' xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu ġiebu 'l quddiem il-pretensjonijiet tagħhom, għandhom jidhru fil-qorti għas-smigħ tal-kawża.*

*(3) F'affarijiet tal-kummerċ, iż-żmien ħawn fuq imsemmi jista' jiġi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun biżżejjed.*

*(4) Bl-avviż hawn fuq imsemmi għandhom ikunu nnotifikati d-depożitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur ieħor li fuq talba tiegħu jkun ġie maħruġ mandat ta' sekwestru."*

Rat **ir-rikors tal-21 t'Ottubru 2010**[5] permezz ta' liema s-soċjeta' Blye Engineering Co. Ltd talbet li tiġi ammessa tikkonkorri f'dawn il-proċeduri għas-somma ta' €84,379 (li tinkludi s-sorte wara sentenza Ċit Nru 371/01 fl-ismijiet *Byle Engineering Co. Ltd vs Allegro Andante Ltd* deċiża fit-28 ta' Mejju 2010), imgħax u spejjeż;

Rat **ir-rikors tal-21 ta' Marzu 2012**[6] permezz ta' liema John Cutajar talab li jiġi ammess jikkonkorri f'dan il-proċeduri għall-ħlas ta' arretrati ta' salarji dovuti lilu skont sentenza tat-Tribunal Industrijali Nru 2262/HW deċiża fit-28 t'Ottubru 2008[7];

[5] Fol 31
[6] Fol 72
[7] Jirriżulta pero' li s-sentenza msemmija m'akkordatx il-ħlas ta' arretrato ta' salarji akkordat kumpens għall tkeċċija inġusta u ma kellha xejn x'taqsam ma arretrati ta' salarji.

Rat **id-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2012**[8] din il-Qorti diversament preseduta pprovdiet fost oħrajn billi -

*"3. Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jieħu ħsieb li jingħata l-avviż tal-konkors tal-kredituri kontemplat fl-Artikolu 416 tal-Kap. 12 bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta waħda lokali ta' kuljum. Fl-avviż għandha ssir riferenza:-*

*(a) Għall-bejgh bl-irkant 22/2007;*

*(b) Li b'ċedola numru 189/2012 preżentata fis-7 ta' Frar 2012 u b'ċedola 1433/2012 preżentata fl-4 ta' Ottubru 2012 ġiet depożitata fil-qorti s-somma ta' €1,005,000 minn Lombard Bank Malta plc.*

*(c) Li b'digriet tat-12 ta' Lulju 2010 il-qorti kienet ordnat il-ftuħ ta' proċeduri għall-konkors ta' kredituri;*

*(d) Fuq is-somma depożitata diġa' hemm pretensjonijiet ta' Blye Engineering Co Ltd, Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, Dr Mark Miggiani, Lombard Bank Malta plc u John Cutajar;*

*(e) Li kull min għandu nteress fis-somma depożitata għandu jressaq il-pretensjoni tiegħu skond il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 416 et seq. tal-Kap. 12 fi żmien xahar.*

*(f) Li s-smiegħ tal-konkors ser isir fil-5 ta' Marzu, 2012 tissejjaħ fid-9.00am quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla presjeduta mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul.*

*Tordna li dan id-digriet jiġi minnufih notifikat lill-Lombard Bank Malta plc.*

[8] Fol 239 et seq

*Tordna wkoll lir-Reġistratur sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum jerġa' jibgħat l-atti quddiem il-qorti sabiex jingħataw provvedimenti ulterjuri.*

*Tordna komunika ta' dan id-digriet lil Dr Anthony Cutajar (kuratur) u Dr Anthony P. Farrugia."*

Rat **ir-rikors tal-15 ta' Frar 2013**[9] permezz ta' liema l- Av. Dott Mark Miggiani talab li jiġi ammess li jikkonkorri f'dawn il-proċeduri fis-somma ta' €34,940.40. Madankollu permezz ta' Nota datata 9 ta' Marzu 2021[10] huwa ddikjara li l-ammont dovut lilu mis-soċjeta' Allegro Andante Ltd kien ġie saldat u b'hekk ma kien fadallu ebda pretensjonijiet kontra s-soċjeta' msemmija u fil-konfront ta' Lombard Bank Malta plc;

Rat **ir-rikors tal-15 ta' Lulju 2016**[11] permezz ta' liema s-soċjeta' C & L Calleja Trading Limited talbet illi tiġi ammessa tikkonkorri għas-somma ta' €3,788.62 oltre imgħax u spejjeż tal-kawża numru 404/07 fl-ismijiet *C & L Calleja Trading Limited vs Allegro Andante Ltd* deċiża fid-19 ta' Frar 2008;

Rat illi bis-saħħa ta' **kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlo' tas-6 ta' Lulju 2020,** l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tħallas mill-Lombard Bank (Malta) p.l.c. dak dovut lilu u għalhekk issurroga lill-Bank imsemmi fid-drittijiet tiegħu kontra s-soċjeta' debitriċi u ddikjara li m'għandhux interess ulterjuri f'dawn il-proċeduri[12];

[9] Fol 253
[10] Fol 338
[11] Fol 305
[12] Fol 344

Rat ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju appuntat minnha Dr Richard Galea Debono dwar il-mertu tar-rikors promotur[13];

Rat il-provi kollha u s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet;

Rat li l-proċeduri tħallew għall-lum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Il-proċeduri odjerni skattaw wara li l-fond bl-isem *Allegro Andante Restaurant* propjeta' tas-soċjeta debitriċi Allegro Andante Limited ġewwa San Ġiljan inbiegħ permezz tas-subbasta numru 22/2007 fl-ismijiet premessi għall-prezz ta' €1,005,000 li ġew depożitati fir-reġistru tal-Qorti permezz taċ-ċedoli numri 189/2012 in kwantu s-somma ta' €555,000 u biċ-ċedola numru 1433/2012 in kwantu s-somma ta' €450,000.

Mill-atti, l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa jirriżulta li f'dan l-istadju l-kredituri konkorrenti huma s-segwenti –

**1. Lombard Bank Malta p.l.c.**
**2. Blye Engineering Limited**
**3. John Cutajar**
**4. C & L Calleja Trading Limited**

[13] Fol 462 et seq

Il-Qorti evalwat dak li rrelata dwar dawn il-kredituri l-perit ġudizzjarju l-Av. Galea Debono fir-relazzjoni tiegħu –

**1. <u>Lombard Bank Malta p.l.c.</u>**

*"Il-krediti tal-bank jemanaw minn żewġ kuntratti, wieħed ta' self u l-ieħor ta' overdraft. Dawn jirrisalu għas-17 ta' Mejju 1998, meta permezz ta' kuntratt ta' self, il-bank ta mutwu lid-debitur ta'Lm 210,000, u b'kuntratt ieħor tal-istess jum ta' faċiltita' ta' overdraft lill-istess debitur ta' Lm 15,000.[14]*

*Permezz ta' ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 2006 [15], Il-Bank kien interpella lid-debitur għall-ħlas tal-bilanċ lilu dovut[16] fis-somma ta' Lm307,869.49. Bl-istess ittra il-bank irrenda eżekuttiv il-kuntratt ta' self fuq imsemmi (Lm210,000). Effettivament dan il-kuntratt, sar titolu eżekuttiv. Is-somma imsemmija ta' Lm210,000 piu' l-imgħax bl-ogħla rata permessa mill-liġi kienet kawtelata bl-ipoteka numru Vol I 7308/1999. Una volta dak il-kuntratt ħa l-karattru ta' titolu eżekuttiv, dik is-somma tibqa' hekk kristallizzata u magħha iġġorr l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv. Illum is-somma ta' Lm307.869.49 iġġib is-somma ta' €717,141.95. Din hi dovuta bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv.*

*L-esponent hu tal-fehma illi fuq l-iskorta tas-sentenzi ċitati mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża <u>Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo Farrugia Melfar Ltd 471/2007FS</u>,*

[14] Fol 156 et seq.
[15] Fol 170
[16] Jingħad illi iż-żewġ faċilitajiet bankarji kienu – kif soltu jkunu l-faċilitajiet bankarji kollha – rifondibbli fuq talba sempliċi ta minn qed jislef.

*hawn ma japplikax il-kunċett ta' ultra duplum minħabba illi dak il-kunċett japplika biss għall-kuntratt ta' mutuum meta dan ikun għadu in corso. Una volta il-kuntratt hu terminat, u is-somma mislufa tkun eżiġibbli in forza ta' titolu eżekuttiv, l-imgħax isir il-kumpens tad-danni li jsofri il-mutwant talli qed jiċċaħad minn flus bil-mora tal-mutwatarju. Tassew illi dawk is-sentenzi isemmu l-event meta ammont ikun kanoniżżat b'sentenza.*

*L-esponent iżda hu tal-fehma li sentenza u kuntratt reż eżekuttiv għandhom l-istess karattru legali li jippermetti lill-kreditur jgħaddi għal eżekuzzjoni finali u effettiva kontra d-debitur. Iżda, madankollu, anki li kieku l-Onorabbli Qorti kellha ma taqbilx mat-teżi tal-esponent, jidher evidenti li anki li kieku l-imgħax kellu jieqaf malli jilħaq il-kapital, is-somma totali ġa tiżboq fil-wisa' is-somma depożitata, u għalhekk il-punt jibqa' wieħed akkademiku.*

*Bħala aċċessorju ta' dan il-kreditu hemm l-ispejjeż ġudizzjarji li inkorra il-Lombard Bank, fil-proċeduri li kellu jieħu sabiex jottejni it-titolu eżekuttiv, kif ukoll dak kollu li nefaq sabiex issir is-subasta. Dawn l-ispejjeż huma riflessi fi-taxxi eżibiti fil-proċess u juru dawn is-sommom:*

| | |
|---|---|
| *Taxxa tal-ittra uffiċjali fuq riferita*[17] | *€ 4,170.29;* |
| *Taxxa tal-ispejjeż tas-subasta 22/2007* [18] | *€23,214.63;* |
| *Spejjeż taċ-ċedola numru 1433/2012*[19] | *€ 6,046.59* |
| *Dr A Cutajar (Kuratur ad litem)* | *€ 6009.32* |
| *Ditto estromissjoni Dr A Cutajar* | *€ 520.23* |

[17] Fol 321
[18] Fol 322 et seq
[19] Fol 330

| | |
|---|---|
| *Aġġornar riċerki* | *€ 1,349.37* |
| *Total* | *€ 41,310.20* |

*Ma dan trid tiżdied is-somma ta' €86,614.13 imħallsa mill-Bank lill-Kummissarju tat-Taxxi b'surroga għal dak li kien dovut mid-debitriċi bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Il-Kummissarju kien irrenda eżekuttiva il-pretensjoni tiegħu kontra d-debitriċi permezz ta' ittra uffiċjali tal-24 t'Ottubru 2005. Is-somma in kwistjoni li fuqha ittieħed it-titolu eżekuttiv kienet ta' Lm297,439, illum €692,845.48. Din is-somma kienet kawtelata b'iskrizzjoni ta' privileġġ u ipoteka fuq l-attivita' ekonomika tad-debitriċi, bin-numru Vol.I 5671/2007. Kwindi is-somma inferjuri ta' €86,614.13 li fiha ġie surrogat il-bank hi ġustifikata.*

*B'riferenza għat-terminu "attivita ekonomika" jingħad illi skond l-art.62 tal-Kap.406 :*

> *"Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili".*

*F'dan il-każ, tenut kont tad-diċitura tal-art.5 tal-istess Kap.406, ma jistax ikun hemm xi dubbju illi il-beni mibjugħ bis-subasta kien jifforma parti mill-attiv tal-attivita' ekonomika tad-debitriċi. Dan il-fond kien ir-restaurant li kien ġestit mid-debitriċi bħala l-iskop ewlieni tal-eżistenza tagħha. Minkejja li kien hemm iskrizzjoni ipotekarja imsemmija, is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell illum jinsabu*

*fis-sens illi dan il-privileġġ joħroġ mill-istess liġi u joħloq ordni ta' prijorita' assoluta, ħlief kif* isemmi l-istess artikolu *62."*

**2. *Blye Engineering Limited***

*"Blye tivvanta kreditu ta' €48,615 konsistenti f'sorte u spejjeż tal-kawża fl-ismijiet Blye Engineering Co Ltd vs Allegro Andante Ltd 371/2001 GV li ġiet deċiża a favur ta' Blye* mill-Qorti tal-Appell. *Dan il-kreditu flimkien mal-imgħax sal-ħlas effettiv, jinsab munit b'ipoteka ġenerali ġudizzjarja numru Vol. I 16532/2010."*

**3. *John Cutajar***

*"Dan jivvanta kreditu ta' €13,500 bħala sorte wara talba fl*-ismijiet John Cutajar *vs Allegro Andante, (15/2008/PS) kanonizzata a favur Cutajar mit*-Tribunal Industrijali u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, *bl-ispejjż u l-imgħax. Dan il-kreditu jinsab munit b'ipoteka Ġenerali Ġudizzjarja numru Vol I. 4470/2012."*

**4. *C & L Calleja Trading Limited***

*"*Din tivvanta kreditu in vista *tas-sentenza mogħtija* mill-Qorti *tal-Maġistrati* (Malta) *fl*-ismijiet C&L Calleja Trading Limited *vs* Allegro Andante Limited *deċiża mill-Maġistrat Dr. Silvio Meli fid-19 ta' Frar 2008 (Avviż Numru* 404/07SM). *Illi* skond l-istess sentenza l-kumpanija Allegro Andante Limited ġiet *ikkundannata tħallas* lill-kumpanija esponenti *l-ammont ta' elfejn, mitejn u ħamsa u tletin* Lira Maltin *u disgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm2,235.79) ekwivalenti għal ħames t'elef mitejn u seba' Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€5,207.99)*

*rappreżentanti prezz ta' prodotti mibjugħa lilha, oltre l-imgħaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi ndikati fil-prospett li kien anness mat-talba tal-kumpanija esponenti, bl-ispejjeż. Dan il-kreditu mhux munit b'kawża ta' preferenza li tista' tolqot il-proventi ta' din is-subasta, u għalhekk, fl-ambitu ta' dan il-konkors, hu kreditu kirografarju."*

Il-perit ġudizzjarju jagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar il-pregradwazzjoni:

*"Apparti l-eżerċizzju li fiħ wieħed iqis u jara liema fost il-kawżi ta' preferenza insinwati huma potiores in tempore, jidher li hemm kwistjoni waħda dwar il-privileġġ imsemmi minn John Cutajar. Kif intqal, Cutajar kien rebaħ kawża quddiem it-Tribunal Industrijali u kien insinwa nota ta' ipoteka ġudizzjarja kontra d-debitriċi. Madankollu, fis-sottomissjonijiet tiegħu hu jqis illi il-kreditu tiegħu imur oltre il-protezzjoni ipotekarja, u jinsab protett mill-privileġġ mogħti mil-Kap 452 fuq dak dovut lill-impjegat. B'hekk hu jisħaq illi il-kreditu tiegħu jirbaħ kull kreditu ieħor u għandu għalhekk jitħallas qabel kull konkorrent ieħor.*

*Cutajar jissottometti hekk:*

*"20. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull ligi oħra, l-jedd ta' kull impjegat ghal massimu ta' tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-principal li/l- impjegat, u l-kumpens għall-leave Ii l-impjegat jista' ikollu jedd ghalih,flimkien ma'* ***kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg, jew*** *kull avviż dwaru,* ***jkun jedd bi privilegg fuq l-attiv***

***tal-principal u għandu jitħallas bi preferenza fuq kull jedd ieħor sew jekk bi privileġġ jew ipotekarju:***

*Hu jinterpreta il-frażi* ***kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg*** *fis-sens li din tinkludi sentenza ta' kumpens li jista' jagħti Tribunal Industrijali f'każ ta' sejbien ta' tkeċċija inġusta, li hu propju il-każ odjern.*

*Lombard Bank għamel numru ta' kontro argumenti fosthom dawn:*

*Is-soċjetà esponenti tissottometti bir-rispett illi din is-sottomissjoni ta' John Cutajar hija żbaljata, għaliex il-kliem "kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg, jew kull avviż dwaru..." qegħdin jirreferu għall-kumpens pagabbli ai termini tal-Artikolu 36 tal-istess Kap. 452, ossia l-hekk imsejjaħ notice money fil-każ ta' kuntratti għal żmien indefinit jew nofs il-paga għaż-żmien li jkun għad fadal fil-każ ta' kuntratti għal żmien definit u l-Artikolu 20 mhux qed jirreferi għal xi eventwali kumpens pagabbli mit-Tribunal Industrijali.*

*Dan huwa evidenti mill-capping, li nsibu fl-Artikolu 20, marbut mal-paga minima nazzjonali. Huwa evidenti li l-ammont privileġġjat hija biss il-paga u dawk il-ħlasijiet li l-liġi tqis bħala ančillari għall-paga bħal-leave, bonuses, allowances, notice payments, termination benefits eċċ. Altrimenti, il-capping marbut mal-paga minima nazzjonali ma kienx jagħmel sens. Il-kumpens akkordabbli mit-Tribunal Industrijali mhux marbut ma' xi kriterju fiss bħall-paga eċċ iżda huwa interament għad-diskrezzjoni tal-istess Tribunal u jista' jieħu in konsiderazzjoni fatturi oħra. Għalhekk, ma jitqiesx bħala parti mill-paga u kjarament mhux inkluż bħala kreditu privileġġjat ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kap. 452.*

*Id-diċitura adottata fl-Artikolu 20, "kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat għat-temm tal-impieg,* ***jew kull avviż dwaru****..." hija rikjam ċar għan-notice li tkun*

*trid tingħata mat-tmiem tal-impjieg ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kap. 452 u turi bl-aktar mod ċar li l-ħsieb tal-leġislatur kien qiegħed jirreferi għall-ħlasijiet talvolta pagabbli skond l-istess Artikolu 36.*

*L-esponent filwaqt li jirraviża ċerta latitudini u xi ftit ambigwita' fit-tiswir tal-art.20 tal-Kap.452, itendi li jaqbel mal-pożizzjoni proposta minn Lombard. Apparti li l-argumenti miġjuba minn Lombard isegwu ċerta loġika ta' interpretazzjoni legali, li fiha ċerta validita', l-esponent jinnota illi hemm differenza pjuttost skjetta fl-abbozzar tal-art. 20, li jitkellem fuq TEMM ta'mpieg, kif ukoll it-Taqsima V hi Intestata* <u>*Temm ta' Kuntratti ta' Impieg*</u>*. Din it-taqsima tittratta kif u meta impjegat jista' jintemmlu l-impieg b'mod legali, u x'jiġri meta t-temm tal-impieg ikun skond il-liġi.*

*Iżda l-għoti ta' kumpens wara tkeċċija inġusta jinsab regolat mill-art. 81. L-art. 81 li jirregola l-aġir tat-Tribunali f'kawżi kongruwi jitkellem fuq TKEĊĊIJA u/jew TKEĊĊIJA INĠUSTA. Ma hemmx riferenza għall-TEMM ta' impieg. L-esponent ma jistgħax jifhem illi l-leġiżlatur ikun ħoloq din id-diverġenza fid-diċitura tal-artikoli relattivi, b'mod każwali, jew minħabba nuqqas ta' rigorożita' ta' espressjoni. Jekk hemm din id-diverġenza, l-esponent irid jifhem li din hi intenzjonata, u għalhekk dak li trid il-liġi għal temm ta' impieg, mhux l-istess bħal dak illi l-liġi trid għal tkeċċija inġusta.*

*L-argument imressaq mill-bank li hemm limitazzjoni pjuttost iebsa dwar il-quantum tal-privileġġ invokat minn Cutajar, tiswa' wkoll. Hu magħruf illi is-somom ta' kumpens li ġieli ngħataw mit-Tribunal Industrijali, jafu jlaħħqu l-għaxriet ta' eluf. Ftit għalhekk jagħmel sens legali, li persuna li per ezempju tirbaħ kumpens ta' €50,000 ikollha privileġġ biss fuq ċirka €5,000. Li kieku l-leġiżlatur ried li l-kumpens għat-tkeċċija inġusta ikun protett mill-privileġġ, ma kienx iħalli restrizzjoni tant limitattiva li tistultifika lilha nnifisha.*

*Għal dawn il-motivi, l-esponent ma jaqbilx mas-sottomissjoni ta' Cutajar, u għalhekk isib illi l-kreditu tiegħu hu munit BISS in forza tan-nota ta' insinwa numru Vol I. 4470/2012."*

Dwar il-pregradwazzjoni l-perit ġudizzjarju jirrelata hekk -

| **Kawża ta' Preferenza u Pregradwazzjoni** | **Somma Pregradwata** |
|---|---|
| | |
| L-Ewwel Grad<br><br>Lombard Bank (Malta) p.l.c. in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tas-subasta 22/2007 (Art.2004, Kap.16);<br><br>Lombard Bank (Malta) p.l.c in rifużjoni ta' spejjeż li saru fl-interess tal-kredituri kollha, f'dan il-każ it-taxxa tal-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu numru 1433/2012 fis-subasta 22/2007 (Art.2004, Kap.16); | <br><br>Tlieta w għoxrin elf, mitejn u erbgħatax il-euro , tlieta w sittin ċenteżmu (**€23,214.63**)<br><br>Sitt elef u sitta w erbgħin euro u disgħa w ħamsin ċenteżmu (**€ 6,046.59**) |
| | |
| It-Tieni Grad | |

| | |
|---|---|
| Lombard Bank (Malta) p.l.c. bħala surrogat fid-drittijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi (Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Art. 62 Kap.406) | Sitta w tmenin elf, sitt mija w erbgħatax il-euro u tlettax il-ċenteżmu (**€86,614.13**) |
| | |
| <u>It-Tielet Grad</u><br><br>John Cutajar bħala kreditur ipotekarju in forza ta'ipoteka ġenerali ġudizzjarja numru Vol. I 4470/2012. | Tlettax il-elf u ħames mitt euro (**€13,500)** bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sal-ħlas effettiv. |
| | |
| <u>Ir-Raba' Grad</u><br><br>C & L Calleja Trading Limited bħala kreditriċi kirografarja tad-debitriċi | tliet elef, seba' mija tmienja w tmenin euro w tnejn u sittin ċenteżmu (**€3,788.62)** bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena mid-19 ta' Frar 2008 sal-ħlas effettiv, u ħames mija tnejn u sittin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€562.55) rappreżentanti l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ismijiet C&L Calleja Trading Limited vs Allegro Andante Limited kif jirriżulta mitt-taxxa uffiċjali [20]. |

[20] Fol 312.

Il-Qorti tikkondividi pjenament mal-aċċertamenti fattwali u legali li għamel il-perit ġudizzjarju Dr Galea Debono u sejra tipproċedi fuq dik il-bażi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tadotta u taghmel taghha l-pregradwazzjoni tal-krediti kif proposta mill-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu salv għal fatt li fl-ewwel lok għandhom jiġu sodisfatti l-iżpejjeż ġudizzjarji marbuta ma dawn il-proċeduri ai terminu ta' l-artikolu 2003 tal-Kap 16;**

**2. Tiddikjara li l-flus li kienu depożitati taħt l-awtorità tagħha fis-somma ta' €1,005,000 permezz taċ-ċedoli numri 189/2012 in kwantu s-somma ta' €555,000 u biċ-ċedola numru 1433/2012 in kwantu s-somma ta' €450,000 għandhom iservu biex jitħallsu l-kredituri skont il-pregradwazzjoni stabbilita u fl-ammonti u imgħaxijiet indikati;**

**3. Tordna li kull kreditur konkorrent ihallas l-ispejjeż tieghu skont il-kreditu tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**